MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2004

Avviz Numru. 562/2002

**Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**Bianchi Mobili Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lil dik attrici s-somma ta’ erbat elef tlett mija u tlieta u disghin liri Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm4393.27) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 222900 (skond kif jirrizulta mill-‘statement’ Dok A)) liema servizz gie stallat fil-fond 131-133, Pieta’ Seafront, Pieta u dana skond ma kif jidher mis-service agreement Dok B.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra legali datata 16 ta’ Marzu, 2000 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-

imghaxijiet kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat kif ukoll iz-zewg dokumenti annessi mal-istess socjeta konvenuta (fol 2 tal-atti) u li biha eccepiet bir-rispett:

1. Illi t-talba attrici ghall-hlas ta' erbat elef, tliet mija u tlieta u disghin liri Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm4393.27) bhala kont konness ma' servizz telefoniku, hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici, stante illi f'ebda zmien u f'ebda cirkostanza, ma qatt saru telefonati lokali jew ghal barra, li setghu waslu ghas-sorte pretiza, fuq kwalsiasi linja ta' servizz telefoniku jew ta' fax fil-fond numru 131-133, Pieta' Seafront Pieta', minn fejn topera s-socjeta' konvenuta, kif jigi ahjar spjegat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi. f'dan l-istadju tal-proceduri in esami ghandu jigi notat li fit-23 ta' Gunju 2004, din il-kawza giet differita, ghal llum, sabiex tigi decisa. Fl-24 ta' Lulju 2004, is-socjeta konvenuta ntavolat rikors (fol 41 tal-atti) sabiex tigi sospiza l-prolazzjoni ta' din is-sentenza ghar-ragunijiet hemm premessi. Pero, sallum, id-digriet preliminari moghti sabiex l-istess rikors jigi notifikat mis-socjeta konvenuta lil dik attrici ghar-risposta relattiva u effettivament ghadu ma ingiebx a konjizzjoni tas-socjeta' attrici skond kif ordnat. Inoltre jigi notat, illi, kif sottomessa l-eccezzjoni da parti tas-socjeta konvenuta, ma hemm indikata <u>l-ebda raguni konkreta u skond il-ligi</u> ghaliex l-ammont pretiz fl-avviz ma hux dovut. Bhala konsegwenza, din il-Qorti ser tippronunzja s-sentenza illum stess.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, da parti tas-socjeta' attrici, din, permezz tax-xhieda moghtija mill-<u>Prokuratur Legali Noel Scerri</u> kif ukoll tal-<u>lista</u>

dettaljata esebita minn dan ix-xhud (fol 17 sa fol 37 tal-istess atti) ikkonfermat l-ammont pretiz fl-avviz bhala “… li ghadu dovut sad-data tallum fl-intier tieghu”.

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk, it-talba attrici ser tigi akkolta skond l-avviz in esami.

Ghal dawn il-motivi, tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lil dik attrici s-somma ta’ Lm4393.27,0 bl-imghax legali mit-18 ta’ Settembru 2002 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkuzi dawk tal-ittra bonarja tas-16 ta’ Marzu 2000 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------